MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Numru. 13/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**EUGENE ATTARD**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Eugene Attard bin Joseph u Annunziata nee` Magro u residenti Nru 23, ‘Madonnina’, Triq San Bert, Xewkija, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 25859 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’Ghawdex b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda izda qabel it-13 ta’ Novembru 1995 u t-13 ta’ Gunju 2002 bhala l-proprjetarju tal-fond Nru 23, ‘Madonnina’, Triq San Bert, Xewkija, Ghawdex u bhala

persuna li fuqu huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm kurrent elettriku jew li bihom seta` jwaqqaf il-kejl jew tibdil jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mija u disa liri Maltin u tmienja u sittin centezmu u erba millezmi (Lm109.68c4m), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Jannar 2004 u esebit f'dawn l-atti bhala Dokument 'CSH' sabiex dawn il-proceduri jittiehdu bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-esami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tlettax ta' Mejju, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi;

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-imputat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu u din giet registrata nhar it-tlettax ta' Mejju, 2004;

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu;

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari meta giet biex tapplika l-piena:

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u cioe` fl-ewwel opportunita` moghtija lilu mall-prezentata llum stess 13 ta' Mejju 2004;

Rat ukoll li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsara sofferti mill-Korporazzjoni EneMalta u dan billi hallas id-debitu dovut fl-ammont kollu;

Rat illi ghalhekk l-istess Korporazzjoni m'ghandha l-ebda pretensjoni kontra l-imputat u li s-socjeta` ma sofriet l-ebda danni materjali;

Rat illi l-Fedina Penali ta' l-imputat hija wahda netta, bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghaldaqstant ghal dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ghandha tqis lill-imputat bhala first time offender;

Ghaldaqstant in vista ta' piena l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi, partikolarment l-artikolu 264 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi billi tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif adebitata fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kondizzjoni ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mil-lum ai termini ta' l-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas spejjez tal-perizja, stante il-liberazzjoni tal-imputat il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------